**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Mejju, 2024

Rikors Ġuramentat: 80/21AL

**A B**

**vs.**

**C D,**
**E F D,**
**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**
**u b'digriet tal-15 ta' April 2021 ġew appuntati l-Kuraturi Deputati Dr Charmaine Cherett u l-P.L. Hilda Ellul Mercer sabiex jirrapreżentaw lill-minuri G D**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-attur fejn ippremetta s-segwenti:

[1] Fol. 1.

*1. Illi r-rikorrenti u l-intimata C D, dak iz-zmien b'kunjomha I precedentement kienu f'relazzjoni intima, li illum il-gurnata intemmet;*

*2. Illi tul il-perjodu tal-koncepiment u sa ftit zmien wara li C D welldet bint bl-isem ta' G kunjomha I, din ir-relazzjoni kienet ghadha ghaddejha u hemm konferma li huwa l-missier biologiku tal-istess G permezz ta' rapport xjentifiku tad-DNA, liema rapport qieghed jigi hawn anness u mEat bhala Dok. "A".*

*3. Illi l-minuri G twieldet nhar il-21 ta' Ottubru tas-sena 2006;*

*4. Illi sussegwentement ghal dan ir-rapport, l-esponenti kien intavola bejn is-snin 2008 u 2009 proceduri ta' medjazzjoni sabiex ikollu d-dritt jara l-bintu G u jsir ftehim permezz ta' abbozz ta' kuntratt, pero l-ebda ftehim ma ntlahaq u l-esponenti ma kellu l-ebda kuntatt iehor ma' C u ma' bintu;*

*5. Illi l-esponenti ilu ma jara lill-bintu ghal snin twal u dan dejjem peress li kien aljenat minn ommha u fl-umili fehma tal-esponenti kollox gie mahdum sabiex iressquh il-boghod kemm jista' jkun u sussegwentement anke hassu mhedded tant li stenna propju s'sissa sabiex jersaq il-quddiem u jressaq il-quddiem din il-kawza;*

*6. Illi fir-rigward tat-theddid, l-esponenti jirrileva li kien gie mhedded meta fetah il-proceduri ta' medjazzjoni u anke pprezenta rikorsi tal-access, u anke waqt l-istess proceduri billi nghatalu parir sabiex jinsa lit-tifla G u jaghmel ta' bir-ruhu li mhux tieghu, u dan ha jkun ahjar ghalih u specjalment ghat-tifla G;*
*7. Illi l-esponenti ma kompliex jinsisti fil-proceduri tal-medjazzjoni u waqaf hesrem anke peress li kien jaf li l-konvenuta izzewget lill-konvenut u kien vera bezghan;*

*8. Illi recentement sar jaf li bintu G issa giet adotta u ghandha kunjom E F, u cioe' D, dan kien xokk enormi ghaliex ma kellu l-ebda idea meta saret din il-bidla u meta addottaha l-konvneut E F, u lanqas seta' jifhem li bhalissa missier biologiku huwa ma giex infurmat;*

*9. Illi in oltre, sar jaf ukoll recentement li l-partijiet infirdu permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali informazzjoni li giet f'idu biss propju recentement hafna;*

*10. Illi huwa ma jiflahx iktar issa fil-prezent joqghod lura milli jerga' jsir jaf lill-bintu, tant ghazziza u jrid jaghmel dak kollu possibbli sabiex huwa jigi rikonoxxut bhala l- missier darba ghal dejjem, specjalment meta jhoss li gie ingannat permezz tal-procedura tal-adozzjoni;*

*11. Illi l-esponenti lanqas biss seta' jgib kopja tac-certifikat tat-twelid tal-minuri G, stante li mhuwiex mnizzel imkien fuqu, u għalhekk huwa ovvja li minn certifikat ta "father unkown" l-konvenuta ghamlet il-procedura ta' adozzjoni ma' E F u G saret D;*

*12. Illi l-konvenuta taf li l-missier propju huwa l-esponenti tant li kien hemm proceduri passati ta' medjazzjoni u anke rikorsi u risposta bejn is-snin 2008 u 2009 u fl-umili fehma tal-esponenti huwa ghandu suspetti serji dwar il-mod kif saret l-adozzjoni;*

*13. Illi in oltre, l-esponenti kien jagixxi ta' missier il-minuri fl-ewwel ftit snin ta' hajjietha izda mbaghad gie aljenat kompletament mill-konvenuta;*

*14. Illi tenut kont dan kollu, l-minuri G m'ghandhiex stat ta' filjazzjoni tajjeb u in konformita' mal-att tat-twelid taghha;*

*15. Illi l-esponenti qieghed jintavola din il-kawza sabiex jigi rikonnoxut fuq l-att tat-twelid tal-minuri G bhala l-missier tal-*

*istess, u l-informazzjoni marbuta ma' E F D tigi sostitwita' bl-informazzjoni dwaru;*

*16. Illi l-fatti hawn imsemmija huma kollha diretta informazzjoni maghrufa mill-esponenti;*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost wara illi jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u illi jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-intimati ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-esponenti li qieghed hawn jitlob sabiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta necessarja u opportuna, joghgobha:*

*1. Tiddikjara illi r-rikorrenti huwa l-missier naturali tal-minuri G li twieldet mill-intimata nhar il-21 ta' Ottubru tas-sena 2006;*

*2. Tordna konsegwentement sabiex issiru l-korrezzjonijiet relattivi fl-atti tal-istat civili tal-istess minuri, partikolarment fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess billi fil-kolonna 'Isem u Kunjom u post tat-twelid tal-Missier' jitnehhew il-kliem b'referenza ghal E F D u minflok jigu inseriti d-dettalji tar-rikorrent, u dan oltre korrezzjonijiet, zidiet, sostituzzjonijiet u modifiki ohra li jista' jkun hemm bzonn fic-citat Att tat-twelid, u f'kull att iehor sussegwenti;*

*3. Konsegwentement tordna wkoll lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta sabiex jiehu hsieb jaghmel id-debita korrezzjoni tal-kunjom tal-minuri biex dan jigi jirrispekkja l-kunjom tar-rikorrenti flimkien ma' dak tal-omm u cioe' jigi inserit il-kunjom "B" flimkien mal-kunjom "I";*
*Bl-ispejjez kontra l-intimata jew minn minnhom, liema intimati C D nee I u E F D huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta ġuramentata[2] tal-konvenuti li biha eċċepew is-segwenti:

*1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jġibu għall-attenzjoni ta' din l-Onor. Qorti l-fatt illi l-istess esponenti huma l-ġenituri adottivi, legalment rikonoxxuti ugwalment, tal-minuri G D u dan hekk kif jixhed l-anness Certifikat imEat DOK IVN illi jikkonferma li nhar il-ħamsa u għoxrin (25) t' Awwissu, Elfejn u Għaxra (2010) ingħata Digriet t'adozzjoni filwaqt li l-istess adozzjoni ġiet registrata fis-sitta w'għoxrin (26) t' Awwissu, Elfejn u Għaxra (2010).*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra r-rikorrent u dan għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati f'din ir-risposta u wkoll għar-raġunijiet kollha li ser jiġu provati tul dina l-kawża.*

*3. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-esponenti jinsabu ġenwinament sorpriżi bid-dikjarazzjonijiet illi għamel ir-rikorrent fir-rikors tiegħu stante illi l- istess dikjarazzjonijiet huma fil-maġġoranza assoluta tagħhom inveritiera u intizi biss sabiex huwa jqarraq b'din l-Onor. Qorti.*

*4. Illi wkoll bla preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet tar-rikorrent ma jistgħu qatt jintlaqgħu minn din l-Onor. Qorti stante illi f'dan il-każ kien hemm adozzjoni li saret interament bil-barka tal-Onor. Qorti kompetenti u għal kollox b'mod legali, u li għalhekk ħadd u xejn ma jista' jiprova jitfa' dubju fuq il-validita' tal-istess adozzjoni.*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, assolutament mhux minnu li tul it-tqala tal-minuri G, r-rikorrent qatt kien f'relazzjoni mal-esponenti C D; kuntrarjament, minkejja li l-istess esponenti kienet tagħmel tentattiv wara l-ieħor sabiex*

[2] Fol. 26.

*iżżomm kuntatt mar-rikorrent huwa abbandunaha għal kollox tant li hija għamlet tqala sħiħa waħedha, u weldet lill-minuri fil-preżenza biss ta' ommha peress li r-rikorrent lanqas biss indenja ruħu jkun preżenti għall-istess twelid tal- minuri G.*

*6. Illi lanqas ma huwa minnu li l-esponenti C D qatt ċaħdet lir-rikorrent mill-minuri minkejja li hija kienet dikjarata bħala bint "missier mhux magħruf". Filfatt kienet l-istess esponenti illi organizzat kollox biex isir DNA test stante illi r-rikorrent kien qallha li qabel ma jersaq lejn il-minuri huwa jrid jikkonferma li hija bintu.*

*7. Illi inoltre jingieb għall-attenzjoni ta' din l-Onor. Qorti l-fatt illi r-rikorrent, kull darba li għamel speċi ta' tentattiv sabiex jinvolvi ruħu f'ħajjet il-minuri G, kien dejjem jabbanduna kollox kif jissemma l-manteniment tal-istess minuri, u dan seħħ qabel ma seħħet l-adozzjoni in kwistjoni.*

*8. Illi dejjem bla preġudizzju għas-sueċċepit, assolutament mhux minnu li qatt kien hemm xi theddid fil-konfront tar-rikorrent; l-esponenti huma nies ta' karattru tajjeb u kondotta intatta u żgur li qatt ma kellhom ebda kunflitt mar-rikorrent li kien dejjem assenti minn ħajjet il-minuri G. Hawn jingħad ukoll illi l- esponenti E F D lanqas qatt ma ra lir-rikorrent u ma jafx min hu, u allura assolutament mhux minnu li qatt hedded lill-istess rikorrent.*

*9. Illi inoltre, jinġieb għall-attenzjoni ta' din l-Onor. Qorti l-fatt li l-minuri G għandha relazzjoni tajba ħafna u b'saħħitha ma' missierha l-esponenti E F D li kien hemm għaliha minn meta hija kellha biss l-eta' ta' sentejn (2) u li dejjem ħabbha daqs kieku kienet bintu naturali, l-istess bħalma jħobb lil ħuha H.*

*10. Illi b'rabta mal-punt preċedenti l-esponenti jġibu għall-attenzjoni ta' din l-Onor. Qorti l-fatt li l-minuri G, issejjaħ lill-esponenti E F D "Pa" u dan sa minn meta kien għadha tarbija. Hija ma tafx lir-rikorrent stante illi kif ingħad fil-punti*

*preċedenti huwa kien dejjem assenti minn ħajjitha; filfatt sa llum l-esponenti għadhom qatt ma żvelaw mal-minuri li hija adottata u dan peress li jħossu li għadha żgħira u hemm ċans li jaħsduha b'tali fatt. Huwa għalhekk u għax l-esponenti jemmnu li huwa fl-aħjar interess tal-minuri li sakemm ikollha aktar eta' u maturita' hija ma għandhiex għalfejn titgħabba bil-piż tal-istorja tal-adozzjoni.*

*11. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għal dak sueċċepit, il-minuri G dejjem kellha sapport sħiħ f'kull aspett ta' ħajjitha, minn l-esponenti E F D li mhux biss refa' u għadu jerfa' piż finanzjarju konċernanti l-istess minuri, iżda litteralment involva lill-istess bintu minuri fil-familja tiegħu b'mod sħiħ b'dan illi hija għandha relazzjoni sabiħa mmens man-nanniet paterni tagħha.*

*12. Illi b'rabta mal-punt precedenti, l-esponenti jirrilevaw ukoll illi kemm il-minuri G kif ukoll ħuha trabbew flimkien f'għożża sħiħa; filfatt minkejja li fis-snin riċenti, huma isseparaw minn xulxin legalment, baqgħu f'relazzjoni tajba ħafna tant illi anke jorganizzaw ta' kull ġimgħa ħruġ u attivitajiet biex il-familja kollha tkun flimkien u biex il-minuri jqattgħu ħin maż-żewġ ġenituri tagħhom. Dan apparti l-okkażjonijiet speċjali kollha fejn l-esponenti dejjem ikunu flimkien f'birthdays u festi oħrajn bħall-Milied, Għid Il-Kbir u aktar.*

*13. Illi l-esponenti E F D, (hekk kif jixhed l-att ta' separazzjoni ta' bejn l-esponenti), jassumi kura u kustodja konġunta mal-esponenti C D, u jgħaddi manteniment ta' mitejn u ħamsin ewro (€250) mensili versu l-minuri G, u dan apparti l-ispejjeż kollha edukattivi u dawk koncernanti saħħet il- minuri, li jaqsam nofshom mal-esponenti C, bla ebda diżgwit; apparti d- diversi spejjeż li jagħmel jekk ikun jaf li l-minuri G tixtieq xiħaġa, u dejjem jara li jikkuntentaha stante illi hija kif jgħidu "daddy's girl" u trabbiet minnu f'għożża kbira.*

*14. Illi huwa għal kollox illoġiku u wkoll irresponsabbli l-aġir tar-rikorrent li wara li abbanduna lill-minuri G sa minn qabel twieldet, ma kkontribixxa qatt ebda forma ta' sapport morali, psikoloġiku, inkella finanzjarju fil-konfront tal-istess minuri, u qatt ma kien hemm bħala missier responsabbli, issa kif sar jaf li bintu ilha mill-Elfejn u Ghaxra (2010) adottata mill-esponenti E F D, jittanta jfixkel lill-istess minuri u wkoll lill-esponenti, billi jiprova jitfa' dubju mill-validita' tal-adozzjoni in kwistjoni.*

*15. Illi fir-rikors tiegħu ir-rikorrent għamel allegazzjonijiet serji fil-konfront tal-esponenti meta qal li sar xi ingann da parti tagħhom. L-adozzjoni tal-minuri G saret in linea mal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), speċjalment in linea mal-Artikoli 115(4)(b), 117(1)(a) (ii)(v) u (vi) li jippermettu lill-Qorti kompetenti tawtorizza adozzjoni f'każ bħal dan.*

*16. Illi għar-raġunijiet fuq premessi, t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu michuda interament u bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent minn issa ingunt sabiex jixhed in subizzjoni;*

*17. Bir-riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi.*

*18. Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.*

*Dikjarazzjoni tal-Intimati:*

*1. Illi l-esponenti jiddikjaraw li huma l-ġenituri adottivi, legalment rikonoxxuti ugwalment, tal-minuri G D u dan hekk kif jixhed l-anness ċertifikat imEat DOK IVN illi jikkonferma li nhar il-ħamsa u għoxrin (25) t'Awwissu, Elfejn u Għaxra (2010) ingħata Digriet t'adozzjoni filwaqt li l-istess adozzjoni ġiet reġistrata fis-sitta w'għoxrin (26) t' Awwissu, Elfejn u Għaxra (2010).*

*2. Illi l-esponenti umilment jiddikjaraw li t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil- fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-*

*ispejjeż kontra r-rikorrent u dan għar-raġunijiet kollha spjegati f'din ir-risposta u wkoll għar-raġunijiet kollha li ser jiġu provati tul dina l-kawża.*

*3. Illi inoltre l-esponenti jinsabu genwinament sorpriżi bid-dikjarazzjonijiet illi għamel ir-rikorrent fir-rikors tiegħu stante illi l-istess dikjarazzjonijiet huma fil-maġġoranza assoluta tagħhom inveritiera u intizi biss sabiex huwa jqarraq b'din l-Onor. Qorti.*

*4. Illi t-talbiet tar-rikorrent ma jistgħu qatt jintlaqgħu minn din l-Onor. Qorti stante illi f'dan il-każ kien hemm adozzjoni li saret interament bil-barka tal-Onor. Qorti kompetenti u għal kollox b'mod legali, u li għalhekk ħadd u xejn ma jista' jiprova jitfa' dubju fuq il-validita' tal-istess adozzjoni.*

*5. Illi assolutament mhux minnu li tul it-tqala tal-minuri G, r-rikorrent qatt kien f'relazzjoni mal-esponenti C D; kuntrarjament, minkejja li l-istess esponenti kienet tagħmel tentattiv wara l-ieħor sabiex iżżomm kuntatt mar- rikorrent huwa abbandunaha għal kollox tant li hija għamlet tqala sħiħa waħedha, u weldet lill-minuri fil-preżenza biss ta' ommha peress li r-rikorrent lanqas biss indenja ruħu jkun preżenti għall-istess twelid tal-minuri G.*

*6. Illi lanqas ma huwa minnu li l-esponenti C D qatt ċaħdet lir-rikorrent mill-minuri minkejja li hija kienet dikjarata bħala bint "missier mhux magħruf"'. Filfatt kienet l-istess esponenti illi organizzat kollox biex isir DNA test stante illi r-rikorrent kien qallha li qabel ma jersaq lejn il-minuri huwa jrid jikkonferma li hija bintu.*

*7. Illi inoltre jingieb għall-attenzjoni ta' din l-Onor. Qorti l-fatt illi r-rikorrent, kull darba li għamel speċi ta' tentattiv sabiex jinvolvi ruħu f'ħajjet il-minuri G, kien dejjem jabbanduna kollox kif jissemma l-manteniment tal-istess minuri, u dan seħħ qabel ma seħħet l-adozzjoni in kwistjoni.*

*8. Illi addizzjonalment, assolutament mhux minnu li qatt kien hemm xi theddid fil-konfront tar-rikorrent; l-esponenti huma nies ta' karattru tajjeb u kondotta intatta u żgur li qatt ma kellhom ebda kunflitt mar-rikorrent li kien dejjem assenti minn ħajjet il-minuri G. Hawn jingħad ukoll illi l-esponenti E F D lanqas qatt ma ra lir-rikorrent u ma jafx min hu, u allura assolutament mhux minnu li qatt hedded lill-istess rikorrent.*

*9. Illi inoltre, jinġieb għall-attenzjoni ta' din l-Onor. Qorti l-fatt li l-minuri G għandha relazzjoni tajba ħafna u b'saħħitha ma' missierha l-esponenti E F D li kien hemm għaliha minn meta hija kellha biss l-eta' ta' sentejn (2) u li dejjem ħabbha daqs kieku kienet bintu naturali, l-istess bħalma jħobb lil ħuha H.*

*10. Illi b'rabta mal-punt preċedenti l-esponenti jġibu għall-attenzjoni ta' din l-Onor. Qorti l-fatt li l-minuri G, issejjaħ lill-esponenti E F D "Pa" u dan sa minn meta kien għadha tarbija. Hija ma tafx lir-rikorrent stante illi kif ingħad fil-punti preċedenti huwa kien dejjem assenti minn ħajjitha; filfatt sa llum l-esponenti għadhom qatt ma żvelaw mal-minuri li hija adottata u dan peress li jħossu li għadha żgħira u hemm ċans li jaħsduha b'tali fatt. Huwa għalhekk u għax l-esponenti jemmnu li huwa fl-aħjar interess tal-minuri li sakemm ikollha aktar eta' u maturita' hija ma għandhiex għalfejn titgħabba bil-piż tal-istorja tal-adozzjoni.*

*11. Illi inoltre l-minuri G dejjem kellha sapport sħiħ f'kull aspett ta' ħajjitha, minn l-esponenti E F D li mhux biss refa' u għadu jerfa' piz finanzjarju konċernanti l-istess minuri, iżda litteralment involva lill-istess bintu minuri fil-familja tiegħu b'mod sħiħ b'dan illi hija għandha relazzjoni sabiħa mmens man-nanniet paterni tagħha.*

*12. Illi b'rabta mal-punt preċedenti, l-esponenti jirrilevaw ukoll illi kemm il-minuri G kif ukoll ħuha trabbew flimkien f'għożża sħiħa; filfatt minkejja li fis-snin riċenti, huma isseparaw minn*

*xulxin legalment, baqgħu f'relazzjoni tajba ħafna tant illi anke jorganizzaw ta' kull ġimgħa ħruġ u attivitajiet biex il-familja kollha tkun flimkien u biex il-minuri jqattgħu ħin maż-żewġ ġenituri tagħhom. Dan apparti l-okkażjonijiet speċjali kollha fejn l-esponenti dejjem ikunu flimkien f'birthdays u festi oħrajn bħall-Milied, Għid Il-Kbir u aktar.*

*13. Illi l-esponenti E F D, (hekk kif jixhed l-att ta' separazzjoni ta' bejn l-esponenti), jassumi kura u kustodja konġunta mal-esponenti C D, u jgħaddi manteniment ta' mitejn u hamsin ewro (€250) mensili versu l-minuri G, u dan apparti l-ispejjeż kollha edukattivi u dawk koncernanti saħħet il- minuri, li jaqsam nofshom mal-esponenti C, bla ebda diżgwit; apparti d- diversi spejjeż li jagħmel jekk ikun jaf li l-minuri G tixtieq xiħaġa, u dejjem jara li jikkuntentaha stante illi hija kif jgħidu "daddy's girl" u trabbiet minnu f'għożża kbira.*

*14. Illi huwa għal kollox illoġiku u wkoll irresponsabbli l-aġir tar-rikorrent li wara li abbanduna lill-minuri G sa minn qabel twieldet, ma kkontribixxa qatt ebda forma ta' sapport morali, psikoloġiku, inkella finanzjarju fil-konfront tal-istess minuri, u qatt ma kien hemm bħala missier responsabbli, issa kif sar jaf li bintu ilha mill-Elfejn u Għaxra (2010) adottata mill-esponenti E F D, jittanta jfixkel lill-istess minuri u wkoll lill-esponenti, billi jiprova jitfa' dubju mill-validita' tal-adozzjoni in kwistjoni.*

*15. Illi fir-rikors tiegħu ir-rikorrent għamel allegazzjonijiet serji fil-konfront tal-esponenti meta qal li sar xi ingann da parti tagħhom. L-adozzjoni tal-minuri G saret in linea mal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijijiet ta' Malta), speċjalment in linea mal-Artikoli 115(4)(b), 117(1)(a) (ii)(v) u (vi) li jippermettu lill-Qorti kompetenti tawtorizza adozzjoni f'każ bħal dan.*

*16. Illi għar-raġunijiet fuq premessi, l-esponenti umilment jiddikjaraw illi t-talbiet rikorrenti għandhom jiġu michuda*

*interament u bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent minn issa ingunt sabiex jixhed in subizzjoni;*

*17. Bir-riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi*

*18. Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenuti;

Rat ir-risposta ġuramentata[3] tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li eċċepixxa s-segwenti:

*1. Illi in linea preliminari u b'referenza għat-tieni talba tar-rikorrent, l-esponent jirrileva li missier il-minuri G D fiċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru progressiv 3417 tal-2006 mhuwiex indikat bħala E F D, iżda skont l-istess ċertifikat tat-twelid, missier il-minuri huwa 'ndikat bħala "missier mhux magħruf". Għalhekk it-tieni talba kif dedotta hija improponibbli u konsegwentement jeħtieġ li tintalab korrezzjoni tagħha ai termini tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi l-esponent jirrileva illi l-kawża 'stanti ma hijiex is-soltu rikonoxximent ta' minuri li kienet imnissla u mwielda barra ż-żwieg. Il-minuri G D twieldet fis-26 ta' Ottubru 2016 skont l-Att ta' Twelid bin-numru progressiv 3417 tal-2016 u skont l-istess Att ta' Twelid, missier il-minuri ġie indikat bħala "missier mhux magħruf".*

*3. Illi sussegwentament, omm il-minuri, ossia C D, iżżewget lill-konvenut E F D nhar l-24 ta' April 2010 u wara tali żwieġ il-minuri giet adottata mill-konvent E F D permezz ta' digriet ta' adozzjoni li ngħata fil-25 ta' Awissu 2010;*

*4. Illi ai termini tal-artikolu 125 u 269 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tali digriet ta' adozzjoni ġie reġistrat u sussegwentament, in vista tad-digriet ta' adozzjoni, inħareġ*

[3] Fol. 39.

*certifikat ġdid bin-numru progressiv 4137 tal-2006 fejn hemm indikat E F D bħala missier il-minuri;*

*5. Illi għaldaqstant, meta ngħata d-digriet tal-adozzjoni ma saret l-ebda korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid orginali tal-minuri, u cioe' dak li jġib in- numru progressiv 3417 tal-2006. Isegwi għalhekk li fiċ-ċertifikat tat-twelid originali tal-minuri, missier il-minuri G D għadu sal-lum il-ġurnata ndikat bħala 'missier mhux magħruf';*

*6. Illi b'referenza għat-tieni talba tar-rikorrent u bla pregudizzju ghal premess, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tidikjara li r-rikorrent huwa il-missier naturali tal-minuri u konsegwentament tordna li l-konnotati tar-rikorrent jiġu nseriti fl-att tat-twelid originali tal-minuri u cioe' dak bin-numru progressiv 3417/2006, biex ir-rikorrent jirrevoka contrario imperio d-digriet mogħti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Volontarja) nhar il-25 ta' Awissu 2010 rigward l-adozzjoni tal-minuri G D, din għandha ssir permezz ta' azzjoni ulterjuri;*

*7. Illi l-esponenti jissottometti illi fil-mertu u b'referenza partikolari għall-paternita' in kwistjoni tal-minuri G D, huwa mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mir-rikorrent fir-rikors guramentat u għaldaqstant qiegħed jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

*8. Illi mid-dokumenti annessi mar-rikors promotur, jidher illi diġa' sar test tad- DNA, li jikkonferma li r-rikorrent huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri. Għal tali test, l-esponent ma jsib l-ebda oġġezzjoni, salv pero' illi dan it-test għandu jkun maħluf minn Dr. Marisa Cassar;*

*9. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrent minn din l- Onorabbli Qorti, l-esponenti jistieden lill-attur sabiex permezz ta' nota jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament is-segwenti: (1) In-numru tal-karta*

*tal-identita' tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-età tiegħu meta twieldet il-minuri G D, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet il-minuri G D, (6) L-isem u l-kunjom ta' missieru, u (7) Jekk missier ir-rikorrent kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri G D. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid originali bin-numru progressiv 3417/2006 tal-minuri G D;*

*10. Illi fid-dawl tal-adozzjoni l-minuri assumiet kunjom il-konvenut E F D u dan ai termini tal-artikolu 124 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant it-tielet talba tar-rikorrent ma tistax tiġi milqugħa dment li jibqa' fis-seħħ l-adozzjoni;*

*11. Illi finalment u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u għalhekk huwa m'għandhux jiġi assoggettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

*12. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista ta’ xhieda tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku;

Rat id-digriet tal-15 ta’ April 2021[4] li bih fuq talba tal-attur ġew appuntati Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-minuri G D u r-risposta tal-istess Kuraturi[5] illi biha eċċepew is-segwenti:

*Illi l-esponenti ghadhom ma humiex edotti mill-fatti;*

*Illi l-esponenti jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri jekk kemm- il darba l-esponenti jirnexxilhom ikunu edotti mill-fatti.*

---

[44] Fol. 10.
[5] Fol. 57.

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat il-verbal tat-3 ta' Novembru 2021[6] f'liema seduta, Dr Rachael Aquilina għad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku talbet korrezzjoni fit-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Direttur fis-sens li d-data tat-twelid tal-minuri li qiegħda mniżżla bħala 26 t'Ottubru 2016 għandha tiġi korretta għal 21 ta' Ottubru 2016 u rat li l-avukati difensuri ma opponewx u taw ruħhom b'notifikati bir-risposta ġuramentata kif korretta;

Rat in-nota tal-attur[7] tal-15 ta' Diċembru 2021 li biha rtira t-tieni u t-tielet talba tar-rikors ġuramentat tiegħu;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti, il-provi li ġew prodotti u l-atti ta' dan il-proċediment;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum[8];

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-attur qed jitlob li jiġi magħruf bħala l-missier naturali tal-minuri G mwielda minn relazzjoni li kellu mal-konvenuta C D nhar il-21 ta' Ottubru 2006. Sal-lum, din hija dikjarata bħala bint missier mhux magħruf fuq iċ-ċertifikat tat-twelid bin-numru progressiv 3417 tal-2006.

Sussegwentement però l-konvenuta omm iżżewwġet lill-konvenut E F D u wara t-tali żwieġ il-minuri ġiet adottata mill-istess konvenut permezz ta' digriet ta' adozzjoni li ngħata fil-25 ta' Awwissu 2010 u *in vista* ta' dan id-digriet inħareġ

[6] Fol. 58.
[7] Fol. 59.
[8] Verbal a. fol. 147.

ċertifikat ġdid bin-numru progressiv 4137 tal-2006 fejn hemm indikat E F D bħala missier il-minuri.

## Provi

L-attur xehed permezz ta' affidavit[9] ppreżentat waqt is-seduta tat-28 ta' April 2022. Huwa jgħid illi wara relazzjoni ta' madwar tliet xhur mal-konvenuta C, hija nqabdet tqila u kellhom lit-tifla G. Jgħid li anke fit-tqala stess diġà kienu ħassru darbtejn u għalkemm jgħid li kien ikun hu li kull darba jmur lura biex jirranġaw, huwa qatt ma ngħata ċ-ċans ikun preżenti kompletament f'ħajjet it-tifla kemm qabel u kemm wara t-twelid u fil-fatt għadu mweġġa' bil-fatt li ma kienx preżenti fit-twelid. Jgħid li l-omm dejjem kellha intenzjoni li t-tarbija titniżżel b'missier mhux magħruf u fil-fatt jgħid li l-familja tagħha qalbu dar għal żewġ appartamenti biex b'hekk omm it-tifla tidher li qed tgħix weħedha.

Huwa mbagħad insista li jagħmlu t-test tad-DNA għax jgħid li l-konvenuta omm ġiegħlitu jiddubita jekk il-minuri kinitx bintu. Jgħid li fl-interess ta' bintu kien għamel diversi tentattivi ta' rikonċiljazzjoni u mbagħad kellu jiftaħ medjazzjoni li permezz tagħha xorta ma waslu mkien. Jgħid imbagħad li sar jaf li l-konvenuta żżewwġet u addottaw lit-tifla u għadda minn perjodu ħażin ħafna. Qabel iż-żwieġ jgħid li rċieva telefonata fejn min kien qed iċempel qallu biex jinsa lit-tifla. Jgħid li n-numru tiegħu tal-*mobile* baqa' dejjem l-istess u għalhekk kieku l-omm riedet, setgħet tikkuntatjah.

Jgħid li huwa kien jagħti flus lill-konvenuta omm imma jgħid li m'għandux prova ta' dan. Flimkien mal-ġenituri tiegħu jgħid li kienu xtraw diversi oġġetti għat-tifla iżda li ħafna drabi għajnuna mhix finanzjarja kienet tiġi rifjutata. Huwa ma kienx ikun jaf x'qed jiġri mill-flus li jtiha.

---

[9] Fol. 82.

Omm l-attur tixhed permezz ta' affidavit intavolat b'nota fit-2 ta' Ġunju 2022.[10] Hija tikkorrobora l-verżjoni ta' binha u żżid li l-konvenuta kienet tmur għandhom meta kienet diġà tqila u li darba marru l-ġenituri tagħha għandhom u qalulhom li l-attur u l-konvenuta kienu ser jiżżewwġu ftit xhur wara u ommha qaltilhom li kienet ħadet ħsieb kollox. Madanakollu xi xahar qabel ma kellhom jiżżewwġu l-attur avżahom biex iwaqqfu l-preparamenti kollha. Tgħid li taf li missier il-konvenuta kien qal lill-attur sabiex ma jidhirx ħalli t-tifla tkun tista' tieħu l-għajnuna soċjali mingħand il-gvern. Tgħid li bejn il-familji qatt ma kien hemm kwistjonijiet dwar min hu missier it-tarbija u lilhom aċċettawhom bħala l-familja paterna u qatt ma kien hemm diżgwid dwar dan. Tgħid li binha u l-konvenuta baqgħu *on and off* kontinwament fir-relazzjoni tagħhom sakemm meta t-tifla kellha madwar sentejn kienu waqfu kompletament. Tgħid li t-tifel kien jgħinha finanzjarjament u anke attendew il-quċċija tat-tifla meta din għalqet sena. Tgħid li xtrawlha wkoll diversi oġġetti li kellha bżonn għat-tifla fejn għal xi oġġetti marret il-konvenuta stess biex tagħżel. Meta l-attur daħal għal *committment* ta' post u ma baqax jagħtiha flus regolari, tgħid li kienu qalu lill-familja tal-konvenuta biex f'każ li jkollha xi bżonnijiet jgħinuha huma. Tgħid li hawn kien beda l-ġlied għaliex tgħid li l-familja tal-konvenuta kienu jaraw biss il-flus u huma kienu jippreferu jagħtuha oġġetti mhux flus għaliex il-familja tal-konvenuta kienu semmew li għandhom xi dejn u għalhekk ma kienux ċerti fejn qed imorru l-flus li jagħtuhom. Tippreżenta għadd ta' ritratti ta oġġetti li kienet tagħti lit-tifla flimkien ma ritratti ta' *souvenier* tal-magħmudija. Lit-tifla bdew jarawha l-iktar meta għalqet tmien xhur sakemm waqqfu r-relazzjoni u ma baqgħux jarawha iktar.

Missier l-attur jixhed permezz ta' affidavit preżentat permezz ta' nota intavolata fit-2 ta' Ġunju 2022[11] fejn jikkonferma kull ma tgħid martu fl-affidavit tagħha.

---

[10] Fol. 87.
[11] Fol. 87.

L-attur jippreżenta wkoll is-segwenti:

1. Sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-30 ta' April 2020 fl-ismijiet AB vs CD et[12];
2. *DNA Paternity Test Report* iktar tard maħluf minn Dr Marisa Cassar[13] li minnu jirriżulta illi A B huwa l-missier naturali ta' G I.

Minn naħa tal-konvenuta C D, hija tixhed permezz ta' affidavit ntavolat b'nota tas-17 ta' Novembru 2022[14] fejn tgħid li hija ltaqgħet ma' l-attur fl-2006 u li wara xahar u nofs li bdiet toħroġ miegħu saret taf li kienet tqila u damu biss flimkien sa xahar wara. Hija tgħid li lill-attur ratu biss xahrejn fit-tqala u li ma kellha l-ebda tip ta' support minnu lanqas finanzjajru. Tgħid li l-attur kien mar biss meta t-tifla kellha erba' xhur. Tgħid li l-attur ried li jagħmel test tad-DNA u hi ma kinitx sabet problema u minn dan irriżulta li hu missier it-tifla. Tgħid li wara dan huwa għamel ġimgħa jieħu interess fit-tifla mbagħad reġa' għosfor. Jgħid li hi rabbiet lit-tifla weħedha sakemm reġa' tfaċċa meta t-tifla kienet ser tagħlaq sena. Dakinhar hija qaltlu li hu kellu jibqa' preżenti f'ħajjet it-tifla u jaqsam l-ispejjeż tat-tifla magħha. L-għada tgħid li ġabilha nofs l-ispejjeż tal-vaċċin u reġa' telaq minn ħajjithom.

Tgħid imbagħad li fl-2009 iltaqgħet mal-konvenut E D li miegħu żżewwġet f'April 2010 u adottaw lit-tifla f'Awwissu 2010 fi proċess li tgħid li kien għal kollox legali u mhux mgħaġġel.

Il-konvenut E F D jixhed permezz ta' affidavit intavolat permezz ta' nota tal-15 ta' Marzu 2023[15] fejn huwa jikkonferma dak li tgħid il-konvenuta martu u jżid illi lill-attur qatt ma rah u lanqas jaf min hu u lanqas ritratt tiegħu qatt ma ra. Jgħid li martu kienet qaltlu li lanqas meta twieldet it-tifla ma kien preżenti. Hija kienet tgħidlu li għalkemm kien hemm

---

[12] Rik. Ġur. Nru. 34/2017AGV.

[13] Permezz ta' affidavit tal-11 ta' Ottubru 2022 a. fol. 104.

[14] Fol. 108.

[15] Fol. 113.

żmien fejn irrikonoxxa lit-tifla, tant li għamel test tad-DNA, imma mbagħad meta l-affarijiet kienu ser jimxu biex jerfa' l-obbligi ta' missier kien reġa' sparixxa minn ħajjithom.

Jgħid li hu u l-konvenuta żżewwġu fl-2010 u kienu marru għand l-avukat Luciano Busuttil fejn mexxew bl-adozzjoni tat-tifla biex it-tifla ma tħossiex inqas minn ħuha. Jgħid li hu u l-konvenuta llum separati iżda li għad għandhom relazzjoni tajba bejniethom u li jgawdu lit-tfal mingħajr ħinijiet u ġranet fissi.

Il-konvenuti C D u E F D jippreżentaw affidavit tal-minuri G permezz ta' nota tas-6 ta' Ġunju 2023[16]. Il-minuri tgħid illi hija kellha trobbija normali mal-ġenituri tagħha fejn qatt ma naqasha xejn. Tgħid li għandha relazzjoni tajba ħafna maż-żewġ ġenituri. Tgħid li kien ftit żmien ilu li l-ġenituri tagħha qalulha li l-konvenut E D kien addottaha u ma kienx il-missier naturali tagħha. Tgħid li lil missierha naturali qatt ma ltaqgħet miegħu u ma tafux. Tgħid li tħoss li missierha adottiv jagħmel kollox għaliha u li ma jiddispjaċihiex li l-affarijiet ġraw kif ġraw għaliex missierha adottiv jieħu ħafna ħsiebha.

Il-konvenuta ttella' wkoll bħala xhud lill-avukat Luciano Busuttil[17] li l-konvenuti C u E kienu klijenti tiegħu għall-adozzjoni tal-minuri G D. Huwa jgħid li meta kien staqsa lill-konvenuta jekk kellhiex kuntatt mal-missier naturali, hija kienet qaltlu li m'għandix. Jgħid li jiftakar li kien spjegalha li "l-*missier naturali mhux biss biex jagħti l-kunsens tiegħu għall-adozzjoni iżda għal ġid tat-tifla stess li tkun taf min hu l-missier naturali, anke allaħaresqatt ikun hemm bżonn ta' xi saħħa...*"[18]

Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżenta affidavit[19] ta' Amanda Grech, *Unit Coordinator* ma' *Identity Malta* l-minuri twieldet fis-21 ta' Ottubru 2006 u fuq l-att tat-twelid bin-numru

---

[16] Fol. 118.
[17] Seduta tal-15 ta' Ġunju 2023 a. fol. 123.
[18] Fol. 123.
[19] Nota tat-28 ta' Ottubru 2021 a. fol. 46.

progessiv 3417 tal-2006 fir-ringiela tal-omm ġie imniżżel 'C I' u fir-ringla tal-missier ġie imniżżel 'missier mhux magħruf'. Wara l-adozzjoni mbagħad l-att tat-twelid oriġinali bin-numru progressiv 3417 tal-2006 ġie stampat bil-kelma 'adottat' u inħareġ ċertifikat ieħor, fid-dawl tal-addozzjoni, bin-numru progressiv 4137 tal-2006;

Tgħid li ma saru l-ebda annotazzjonijiet fuq l-att tat-twelid oriġinali u ċioe' dak bin-numru progressiv 3417 tal-2006 u għalhekk missier il-minuri għadu ndikat bħala 'missier mhux magħruf'. Tgħid li jekk jirriżulta li A B huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri, ma jkunux jistgħu jsiru annotazzjoniet fiċ-ċertifikat tat-twelid li inħareġ fid-dawl tal-addozzjoni bin-numru progressiv 4137 tal-2006.

F'dan il-każ il-Qorti tinnota li l-konvenuta omm stess tikkonferma minn naħa tagħha li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri G. Hija tgħid anzi li t-test tad-DNA kien l-attur li ried jagħmlu minħabba dubji li kellu hu. Il-ġenituri tal-attur ukoll ikkonfermaw li bejn iż-żewġ familji qatt ma kien hemm diskussjonijiet jew argumenti dwar dan il-fatt. Madanakollu, l-aqwa prova f'kawżi bħal din huma t-testijiet xjentifiċi u ġenetiċi, li fil-każ odjern dawn it-testijiet ikkonfermaw li l-attur huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri G. Fil-fatt, l-esperta Dr. Marisa Cassar ikkonfermat illi "mit-testijiet li għamilt jirriżulta li A B hu l-missier naturali ta' G I (D.O.B. 21.10.2006). Dan ir-riżultat jinsab dikjarat fir-rapport PT08-222 li jien iffirmajt."[20] It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar l-istess paternità. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem il-Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li G hija l-wild naturali tal-attur.

It-talba li għad għandha quddiemha l-Qorti f'din il-kawża hija t-talba għal dikjarazzjoni illi l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri G li twieldet mill-konvenuta omm fil-21 ta' Ottubru 2006. L-attur u l-konvenuta ma kienux miżżewwġin meta

[20] Fol. 104.

twieldet it-tifla u għalhekk din il-kawża tista' ssir ibbażata fuq artikoli 99 u 100 tal-Kap 16.

F'dan il-każ, l-attur qiegħed jipproċedi biss bl-ewwel talba li hija d-dikjarazzjoni ta' paternità. Issa kif tgħid il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Buttigieg vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku et**[21] "*Ir-riċerka tal-paternita` jrid ikollha utilita` aħħarija, u biex dan iseħħ trid tintlaqa' wkoll bidla fl-att ta' twelid. Jekk dan tal-aħħar ma jistax isir, tkun vessatorja dikjarazzjoni ta' paternita` fl-arja.*"

U għalhekk jekk jiġi dikjarat illi l-attur huwa l-missier, il-Qorti trid tordna li jkun hemm bdil fl-att tat-twelid. Issa f'din l-azzjoni *si tratta* żewġ ċertifikati kif jikkonferma d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li jgħid[22] illi

*"Il-minuri G D twieldet fis-26 ta' Ottubru 2016 skont l-Att ta' Twelid bin-numru progressiv 3417 tal-2016 u skont l-istess Att ta' Twelid, missier il-minuri ġie indikat bħala "missier mhux magħruf".*

*3. Illi sussegwentament, omm il-minuri, ossia C D, iżżewget lill-konvenut E F D nhar l-24 ta' April 2010 u wara tali żwieġ il-minuri giet adottata mill-konvent E F D permezz ta' digriet ta' adozzjoni li ngħata fil-25 ta' Awissu 2010;*

*4. Illi ai termini tal-artikolu 125 u 269 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tali digriet ta' adozzjoni ġie reġistrat u sussegwentament, in vista tad-digriet ta' adozzjoni, inħareġ certifikat ġdid bin-numru progressiv 4137 tal-2006 fejn hemm indikat E F D bħala missier il-minuri;*

*5. Illi għaldaqstant, meta ngħata d-digriet tal-adozzjoni ma saret l-ebda korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid orginali tal-minuri, u cioe' dak li jġib in- numru progressiv 3417 tal-2006.*

[21] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit- 12 ta' Mejju, 2022.
[22] Fol. 39.

*Isegwi għalhekk li fiċ-ċertifikat tat-twelid originali tal-minuri, missier il-minuri G D għadu sal-lum il-ġurnata ndikat bħala 'missier mhux magħruf';"*

B'din l-azzjoni l-missier ma hux jattakka l-adozzjoni *per se* għalkemm jittenta jattakka l-fatt illi l-konvenuta omm proċediet mingħajru fl-azzjoni tal-adozzjoni b'qerq; madanakollu din il-Qorti ma tħossx li għandha, jew tista', tidħol f'dak il-mertu – l-adozzjoni hija fatt li sar u li l-attur seta' jattakkaha per se, madanakollu huwa fatt ukoll li minnu rriżulta t-tieni ċertifikat fejn il-minuri issa tidher li għandha missier adottiv. Madanakollu kif jgħid id-Direttur, l-ewwel ċertifikat ma ntmessx u għadu jidher bħala "missier mhux magħruf".

Fuq dan il-punt il-konvenuta omm stess tgħid fin-nota ta' sottomissjonijiet illi l-attur "*issa qed jitlob biss li jkun iddikjarat bħala l-missier naturali ta' bint l-esponenti G D, liema dikjarazzjoni ma tistax tiġi innegata stante illi huwa ikkonfermat mid-DNA test li l-missier bijoloġiku tal-minuri huwa r-rikorrenti A B".* Il-Qorti tiddeplora l-fatt illi fit-twelid, kienu x'kienu ċ-ċirkostanzi bejn il-partijiet jitniżżel missier mhux magħruf meta l-omm kienet taf ben tajjeb u kienet ċerta kif tgħid hi stess li l-attur kien missier it-tarbija, b'dan li ntefa piż indebitu fuq l-Istat li messu refa l-attur. Il-minuri stess kif jidher issa mill-affidavit tagħha taf bil-fatti kif ġraw u li l-missier li rabbiha mhux il-missier naturali imma l-missier adottiv.

Madanakollu l-Qorti tara li bħala stat ta' fatt dan ma jistax jiġi miċħud. Tkompli ma' dak li tgħid il-Qorti fil-kawża ġia ċitata AB vs CD et "*Din il-Qorti certament thoss li ghandha ticcita mis-sentenza Reginald Bugeja vs Charmaine Calleja et.*[23]*, fejn ic-cirkostanzi kienu simili u fejn il-Qorti uzat kliem b'sahhithom u kienet ferma u soda fir-ragunar u d-decizjoni taghha u bla ebda ezitazzjoni ser taghmilhom taghha:-*

---

[23] Deċiża fit-30 ta' Ġunju, 2004 mill-Qorti tal-Familja.

*“Illi dwar l-interess tat-tarbija jidher li ma hemm ebda dubju li l-interess taghha huwa li tigi ndikata bhala bint il-missier naturali taghha u certament li l-istess tarbija ma’ ghandiex tigi mhollija fl-ghama dwar il-vera identita’ taghha.””*

Għalhekk il-Qorti hija konvinta li għandha tilqa’ l-ewwel talba tal-attur billi tiddikjara illi huwa l-missier naturali tal-minuri G D b’dak illi l-ewwel att tat-twelid u *ċioé* l-Att ta' Twelid bin-numru progressiv 3417 tal-2016 jiġi emendat f’dan is-sens. L-Att tat-Twelid bin-numru progressiv 4137 tal-2006 li jirrifletti l-istat adottiv ma jistax jintmess.

**DEĊIDE**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta’ u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li l-attur huwa l-missier naturali u bijoloġiku tal-minuri G I u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-att tat-twelid tal-minuri G, Att numru tliet telef erba’ mija u sbatax tas-sena elfejn u sittax (3417/2016), huwa jikkanċella l-kliem “missier mhux magħruf” u minflok jitniżżel l-isem ta’ l-attur A B. Tordna wkoll li jitniżżlu l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur detentur tal-karta tal-identita` numru X , li meta twieldet il-minuri kellu tmienja u għoxrin (28) sena, imwieled il-Pieta` u residenti l-Gudja meta twieldet il-minuri, iben J B, li kien ħaj meta twieldet il-minuri u l-Qorti tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tat-talbiet li ġew irtirati mill-attur.

Bl-ispejjeż għandhom jiġu sapportati nofs bin-nofs bejn il-partijiet.